# L-Ewwel Knisja tal-Patrijiet Karmelitani Tereżjani f'Birkirkara



Il-faċċata tal-Knisja ta' San Alfons M. De Liguori

*L-Ordni tal-Karmelu twaqqaf fl-Art Imqaddsa bejn is-snin 1206 u 1214 meta grupp ta' eremiti ngħataw Regola minn San Albert ta' Ġerusalemm biex fuqha jfasslu ħajjithom. Huma ddedikaw l-ewwel kappella tagħhom f'riġlejn l-Għolja tal-Karmelu lill-Verġni Omm Alla, u saru magħrufa bħala "l-Aħwa tal-Verġni Mbierka Marija ta' l-Għolja tal-Karmelu." L-Ordni nxtered mad-dinja kollha sakemm fl-1562 Santa Tereża ta' Avila, fi Spanja, tat bidu għar-riforma tagħha fil-Karmelu, l-ewwel fost is-sorijiet u aktar tard fost il-patrijiet ukoll. Dan l-Ordni tagħha, malajr stabbilixxa ruħu ġo Malta. Fil-fatt, fl-1625 l-ewwel tliet reliġjużi Tereżjani waslu Malta u s-sena ta' wara, fl-1626, twaqqaf l-ewwel kunvent tal-Karmelitani Tereżjani ġewwa Bormla. 150 sena wara twaqqaf ukoll monasteru ta' sorijiet Karmelitani Tereżjani li bla waqfien jitolbu għalina u għall-bżonnijiet tad-dinja minn qalb dawk il-ħitan tal-klawsura fuq l-għolja ta' Santa Margerita, f'Bormla.*

Kien fis-sena 1892 illi s-Sur Fons Marija Micallef mill-Furjana, bin il-president tal-qrati Sir Antonio Micallef, waqt li bena xi djar fi Triq il-Wied B'Kara fuq l-artijiet tiegħu, ħa ħsieb jibda jibni wkoll knisja b'kunvent żgħir maġenbha biex taqdi l-ħtiġijiet spiritwali tan-nies ta' l-inħawi. Is-Sur Fons, għal xi żmien deputat tal-poplu fil-Kunsill Leġislattiv tal-Gvern, kien joqgħod B'Kara u mill-ewwel kellu l-ħsieb li jagħti din il-knisja lil xi Ordni ta' patrijiet. Jidher li għall-ewwel kellu l-ħsieb li jagħtiha lill-patrijiet Kapuċċini, iżda wara li dawn ma aċċettawx, stieden lill-patrijiet Karmelitani Tereżjani sabiex jiftħu t-tieni kunvent tagħhom f'Malta billi jibagħtu xi patrijiet minn Bormla. L-ewwel laqgħa konventwali tal-Patrijiet ta' Bormla saret fis-26 ta' Settembru 1895 sa ma ntlaħaq il-ftehim u sar il-kuntratt quddiem in-Nutar Ġanbattista Saydon fis-7 ta' Awissu 1896. Minn dan il-kuntratt jidher li l-patrijiet kellhom iħallsu s-somma ta' elfejn u ħames mitt lira għal tliet ġonna tas-siġar tal-larinġ li kienu madwar il-kunvent, u għal dar żgħira ħdejh u oħra fil-limiti ta' Ħal Għargħur.



San Alfons M. De Liguori
Pittura ta' F. Venuti





Is-Sur Fons Marija Micallef
u martu Marianna.
Bust tas-Sur Fons jinsab fil-Kunvent

Il-pjanta tal-knisja tal-bidu hija tal-Perit Emmanwel L. Galizia u x-xogħol fil-bini tal-knisja u l-kunvent żgħir tal-bidu ħa erba' snin. Il-knisja kienet twila madwar 2.8 metri (70 pied) u wiesgħa 0.8 metri (21 pied). Il-kwadru titulari ta' San Alfons M. De Liguori ġie mpitter minn F. Venuti, pittur Taljan li ġie minn Ruma. Illum il-kwadru jinsab fis-sagristija tas-Santwarju. Taħt dan il-kwadru jinsabu jistrieħu l-fdalijiet tas-Sur Fons[1] u martu Marianna Micallef[2], li ġew trasportati hawnhekk mill-knisja l-qadima fl-1997.

Is-Sibt 14 ta' Novembru 1896, il-patrijiet għamlu att ta' qima pubblika fil-knisja l-ġdida bil-kant tas-*Salve Regina*, kif għadhom jagħmlu kull nhar ta' Sibt. Bħala Vigarju u mbagħad l-ewwel Pirjol tal-komunità l-ġdida ġie magħżul Patri Wistin Zammit ta' Santa Tereża (1897-1900), li għal diversi snin kien missjunarju f'Bixerri, is-Sirja.

Fil-15 ta' Novembru 1896, l-ewwel Provinċjal Vigarju tas-Semi-Provinċja ta' Malta, Patri Karm Vassallo tal-Bambin Ġesù, iċċelebra l-ewwel Quddiesa bil-mużika tas-Surmast Antonio Nani, u bierek il-kunvent. Wara wasal l-Arċisqof Pietru Pace li intona t-*Te Deum* solenni u ta l-Barka Sagramentali waqt id-daqq tal-qniepen tal-knejjes tat-Tliet Irħula wkoll.

Il-Ħadd ta' wara sar it-trasport solenni ta' l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes mill-parroċċa ta' Santa Liena bis-sehem tar-reverendu Kapitlu u tal-patrijiet Ġiżwiti, kif ukoll il-konfraterniti tal-Parroċċa u t-tfal ta' l-Istitut Bugeja. Mexxa l-funzjoni kollha l-Prepostu Dun Alfons M. Grech. Kellha tkun il-Markiża Anna Bugeja li ħallset minn flusha l-Grotta bl-istatwi tal-Madonna ta' Lourdes u b'Santa Bernardetta miġjubin minn Pariġi. Din il-Markiża kienet l-armla tal-Markiż Vincenzo Bugeja u bint is-Sinjur Filippo Darbois. Imwielda Napli, kienet tgħix il-Belt Valletta u kienet ġeneruża ħafna mal-patrijiet fid-donazzjoni ta' kull ma kellu x'jaqsam ma' din il-grotta sabiħa magħmula fil-ġebel gagazza.




**Il-Grotta Kappella tal-Madonna ta' Lourdes kif kienet fil-bidu fil-Knisja ta' San Alfons M. De Liguori**

**L-istatwi tal-Madonna u ta' Santa Bernardetta, wara li ġew restawrati u mqegħdin fil-Grotta restawrata, tbierku fit-8 ta' Mejju 1989**

*1. Miet fil-21 ta' Jannar 1920 fl-għomor ta' 80 sena.*
*2. Mietet fis-17 ta' Mejju 1915 meta kellha 74 sena.*

Kienet din il-Markiża wkoll li ħallset lill-Markiż F. Venuti biex ipitter is-saqaf ta' quddiem il-grotta, kif ukoll iż-żewġ kwadri fil-ġenb li jirrappreżenetaw it-Twelid ta' Marija Verġni u t-Transitu tagħha fis-Sema. Sfortunatament il-pittura tas-saqaf tħassret meta xi xorok tas-saqaf waqgħu dak in-nhar li sajjetta laqtet il-kampnar tal-knisja fl-1959. L-istess Markiża tat l-armar meħtieġ għall-kappella-grotta u offriet żewġ fundazzjonijiet ta' flus għall-festa tal-Madonna u għad-dawl matul is-sena. Kien ħsieb tassew għaqli li l-Patrijiet ħasbu biex mal-ftuħ tas-Santwarju, il-kappella-grotta ġiet imdawra b'mod li tagħti għall-pjazza tas-Santwarju. L-istatwi tal-Madonna u ta' Santa Bernardetta ġew restawrati minn Patri Martin Borg OCD u l-grotta ġiet miftuħa mill-ġdid għall-pubbliku fit-8 ta' Mejju 1989.

Bil-ftuħ tal-knisja, fl-1896 F. Venuti pitter il-kwadri tal-Madonna tal-Karmnu u ta' San Ġużepp għall-altari tagħhom fil-ġnub. Ma' dawn il-kwadri rridu nsemmu wkoll dak ta' l-altar ta' Santa Tereża ta' Avila, magħmul hu wkoll minn pittur Ruman. Dawn il-kwadri ġew imħallsin mill-imħallfin Maltin. Mit-tiftix li għamilt sibt li dawn l-imħallfin kienu Chapelle, Debono u Pullicino. Ta' min jgħid ukoll li Lazzaro Pisani, fl-1901, pitter iż-żewġ kwadri kbar li kien hemm f'kull naħa tal-Maġġur, li juru n-Nifda tal-Qalb ta' Santa Tereża ta' Avila mill-anġlu tas-sema u d-Dehra ta' Kristu lil San Ġwann tas-Salib.



**Santa Tereża ta' Ġesù fin-Nifda tal-Qalb.**
**Pittura ta' Lazzaro Pisani, 1901**



**Id-dehra ta' Kristu lil San Ġwann tas-Salib.**
**Pittura ta' Lazzaro Pisani, 1901**

**Din is-sena dawn iż-żewġ kwadri jagħlqu mitt sena**

## It-Tkabbir tal-Knisja

Il-Patrijiet ġew hekk milqugħa tajjeb min-nies ta' l-inħawi li malajr saru popolari, ukoll ma' dawk ta' l-irħula fil-qrib, u bdew jissejħu "l-Patrijiet tal-Wied" u l-Knisja sempliċiment "il-Kunvent" u għalhekk mill-bidunett inħass il-bżonn li l-knisja tiġi mkabbra. Dan sar darbtejn: l-ewwel darba fl-1904 u t-tieni darba fl-1909.



Fis-sena 1904 inbniet il-kappella ta' Santa Tereża l-Kbira biswit il-Grotta ta' Lourdes u mal-kuritur tal-purtinerija li minnu wieħed kien jidħol fil-kunvent. Meta aktar tard waslet l-urna ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù fl-1960, din il-kappella ġiet trasformata fil-kappella ta' din il-Qaddisa ta' Lisieux. In-nies li jiffrekwentaw "il-Kunvent" baqgħu dejjem jiżdiedu għall-funzjonijiet kollha li kienu jsiru fil-knisja, u dejjem sabu l-akbar kumdità għall-frekwenza tas-sagramenti.

Kien għalhekk li ħames snin wara li nbniet il-kappella ta' Santa Tereża, jiġifieri fl-1909, il-knisja ġiet imkabbra sewwa, din id-darba tista' tgħid b'terz ta' dak li kienet. Is-saqaf, li qabel kien magħmul troll, ġie ddikjarat fil-periklu mill-perit imqabbad, wara li kienet inbniet il-Kappella ta' Santa Tereża, u għalhekk kellu jsir saqaf ġdid għall-parti ċentrali tal-knisja. Il-knisja ġiet imtawla bil-kor ta' qabel magħha billi tressaq lura l-Altar Maġġur u nbnew żewġ kappelli: fuq in-naħa tal-kuritur tal-purtinerija nbniet dik tal-Karmnu u biswitha nbniet dik tal-Qalb ta' Ġesù, b'pittura mill-isbaħ ta' Ġanni Vella. Iż-żewġ kappelli ġodda kienu ta' 6 metri-il waħda. Hekk kif tidħol fil-knisja, minflok il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu, fl-1912 ġie mpitter il-kwadru ta' San Ġwann tas-Salib, xogħol il-pittur Karmelitan Tereżjan Malti, Fra Lwiġ Poggi. Bit-tkabbir tal-knisja b'dan il-mod, il-Patrijiet kellhom jibnu kor ġdid u sagristija ġdida, ħafna ikbar minn dik ta' qabel. L-imgħallem ta' dan ix-xogħol kollu, flimkien mal-bini tal-kampnar tal-knisja, kien Piju Ebejer ta' Ħal Balzan, skond l-atti tan-Nutar Gauci tal-Belt.



**It-twaqqigħ tas-saqaf troll biex sar minfloku s-saqaf eżistenti**

Imkabbra issa b'dan il-mod, il-knisja twalet u ġiet 25.3m (83 pied). Minn ġewwa l-knisja ġiet b'żewġ ordnijiet: 8.5m (28 pied) ta' l-ewwel u 5.2m (17-il pied) tat-tieni. Il-faċċata ta' barra hija wkoll b'żewġ ordnijiet u bejn il-pilastri ewlenin ta' l-ewwel ordni kienu jinsabu t-tliet bibien tal-knisja. Il-bini tal-knisja hu għoli 14.6m (48 pied) sal-gwarniċjun, u 16.8m (55 pied) sal-quċċata tal-frontispizju. Il-knisja ġiet wiesgħa z-zuntier kollu, jiġifieri 20 metru (66 pied). Minbarra l-Altar Maġġur u ż-żewġ kappelli tal-Madonna ta' Lourdes u ta' Santa Tereża l-Kbira, issa l-knisja ġiet imżejna b'erba' altari oħra: tnejn f'daħla fil-ħajt tal-korsija tan-nofs kif tidħol mill-bieb, jiġifieri ta' San Ġwann tas-Salib u ta' San Ġużepp, u t-tnejn ġodda miżjuda tal-Madonna tal-Karmnu u tal-Qalb ta' Ġesù. Dawn l-erba' altari tqiegħdu fil-Knisja tal-Patrijiet Karmelitani Tereżjani f'Bormla fl-1999 meta kellu jinbeda x-xogħol ta' restawr f'dik il-Knisja. Din is-sena ġie trasferit hemm ukoll l-altar maġġur.




**Laqgħa tat-Terzjarji fil-Kappella ta' Santa Tereża**



**Santa Tereża ta' Avila Pittura ta' artist Ruman fil-Kappella tal-Qaddisa**

- *16 ta' Lulju 1906:* Tinfetaħ Triq il-Karmnu.
- *10 ta' Ottubru 1908:* Tinfetaħ Triq Santa Tereża.



**San Ġwann tas-Salib,**
**opra artistika ta' Fra Lwiġ Poggi OCD, 1912**



**San Ġużepp**
**Pittura tar-Ruman F. Venuti, 1896**



**Il-Qalb ta' Ġesù**
**Pittura ta' Ġanni Vella, 1911**



**Il-Madonna tal-Karmnu**
**Pittura ta' F. Venuti, 1896**

**L-Istatwa tal-Madonna tal-Karmnu**

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu hija marbuta ma' l-Ordni li jġib isimha. Kulfejn marru, il-patrijiet Karmelitani Tereżjani xerrdu d-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka u l-labtu tagħha l-kannella. Il-liġi tal-Knisja kienet tistabbilixxi li kulfejn jitwaqqfu l-komunitajiet tal-Patrijiet Karmelitani Tereżjani huma setgħu jiftħu l-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu. Fejn kienet tkun ġa preżenti, kellha tgħaddi għall-knisja tagħhom. Il-patrijiet malajr ħasbu biex iġibu mill-parroċċa ta' Sant'Elena l-konfraternità tal-Karmnu li kienet twaqqfet oriġinarjament fl-1806. It-trattativi bl-indħil ta' Ruma damu sejrin sas-sena 1904. Fl-atti tal-kapitlu tal-patrijiet tad-19 ta' Novembru 1906 ġew approvati l-istatuti l-ġodda, statuti li kienu ġew approvati mid-djoċesi f'Diċembru tas-sena ta' qabel. In-numru sitta jsemmi li l-fratelli kellhom jieħdu sehem fil-purċissjoni ta' kull sena fil-Ħadd fost l-Ottava tal-festa fix-xahar ta' Lulju. **Dan juri li diġà kienet issir il-purċissjoni tal-Madonna tal-Karmnu,** iżda billi l-Parroċċa ma tatx l-istatwa tagħha, li ġiet mibdula f'dik ta' l-Erwieħ fl-1906, insibu li fil-kapitlu tal-patrijiet tal-1 ta' Frar 1907 ġiet approvata b'akklamazzjoni l-proposta li ssir statwa ġdida li tkun tista' tinġarr fil-purċissjoni skond mudell muri lill-komunità.

Għal dan l-għan inħadmet LECCE fl-Italja l-istatwa tant DEVOTA tal-Madonna tal-Karmnu fuq disinn ta'

Arturo Galdes (1861-1934) sabiex tingarr fil-purċissjoni. Din l-istatwa tixbah lill-oħra bħalha li tinsab f'Napli u hi fuq l-istil ta' xi statwi tar-Rużarju. Hija ġiet irrestawrata erba' snin ilu mill-artist Twanny Spagnol miż-Żejtun. Fuq in-naħa tax-xellug ta' l-istatwa nsibu lil San Xmun Stock jirċievi l-Labtu Mqaddes mingħand il-Madonna u fuq il-lemin Santa Tereża l-Kbira tidher qed toffri qalbha mixgħula bl-imħabba lil Ġesù Bambin. Din il-vara hi forsi l-isbaħ waħda fost il-vari tal-Karmnu għal dik li hi dispożizzjoni tal-figuri ewlenin bil-Madonna liebsa l-libsa Karmelitana. Hija tħares b'dik il-ħarsa ħelwa tagħha ta' Omm b'wiċċ li jiġbed lejh id-devozzjoni ta' wliedha. Il-grupp kollu li jifforma l-istatwa jħallu mgħaxxaq lil min iħares lejhom u jitlob fil-ħtiġijiet tiegħu u tad-dinja.



**ARTURO G ALDES 1861-1934 Id-disinjatur tal-vara tal-Madonna tal-Karmnu, li fuq id-disinn tiegħu wkoll saret il-bradella**

Għall-ewwel il-purċissjoni kienet twila ġmielha, tgħaddi mit-triqat ta' wara sa ma tasal fuq il-Pont u tinżel minn Fleur de Lys u Triq il-Wied kollha. Iżda mbagħad, minħabba l-kwistjonijiet tal-Kapitlu Karkariż ma' Ruma, il-purċissjoni baqgħet issir fi triqat iqsar ħafna. Ta' min ifakkar il-festi kbar li kienu saru fis-Seba' Ċentinarju tal-Labtu fl-1951, meta l-istatwa ttieħdet ukoll fil-parroċċa ta' Santa Liena. Artiklu speċjali fuq dawn il-festi qiegħed jidher fil-programm tal-festi għal din is-sena. Illum il-Festa għadha ssir bis-solennità u l-pompa kollha, skond id-drawwa tagħna f'Malta, fit-tielet Ħadd ta' Lulju.



**Il-Madonna tal-Karmnu ħierġa proċessjonalment mill-Knisja ta' San Alfons**

## Il-Kampnar jintlaqat f'maltempata

Fiż-żmien li l-knisja ġiet imkabbra t-tieni darba, inbena wkoll il-kampnar artistiku, li x-xorti riedet li wara aktar minn ħamsin sena jintlaqat minn sajjetta u jitlef il-biċċa ta' fuq tiegħu. Iż-żewġ qniepen iż-żgħar ("per la loro piccola mola") ma baqgħux proporzjonati aktar mal-kampnar attwali. Sadanittant żewġ qniepen mill-parroċċa ta' Ħal Luqa kienu għall-bejgħ. Għalhekk il-Patrijiet, fil-21 ta' Novembru 1928, aċċettaw li jixtruhom għall-prezz ta' Lm150.82ċ biex jitqiegħdu minflok dawk tagħna. Il-kbira tiżen 1062.4 kg (1328 ratal) u ż-żgħira 386.4 kg (483 ratal). Il-qanpiena tan-nofs ġiet mill-kunvent ta' Bormla seba' snin wara, kif jidher mill-atti tal-komunità tat-12 ta' Lulju 1935, u ntużat għall-Festa ta' dik is-sena. B'hekk kien hemm sett ta' tliet qniepen. Dawn il-qniepen, li taw servizz lil din il-knisja għal bosta snin, issa jinsabu merfugħin biex forsi xi darba jitqiegħdu fi speċi ta' mużew biex wara li gawdejnihom bil-ħoss ħlejju tagħhom, inkunu nistgħu narawhom u ngawduhom b'mod viżibbli.



**Il-qniepen kif inhuma miżmuma llum**

- *1921:* Emmanuel Vella jagħmel il-bażi ta' l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu.
- *27 ta' Awissu 1927:* Il-komunità tagħżel li tibda tagħmel festa żgħira f'ġieħ S. Tereża tal-Bambin Ġesù, sentejn wara l-kanonizzazzjoni tagħha f'Ruma.

Kien is-Sibt, 19 ta' Diċembru 1959, għall-ħabta tat-3.00 p.m., waqt maltempata qalila ta' ftit ħin, waqt li l-patrijiet kienu qegħdin jgħidu l-Għasar, meta faqqet sajjetta u laqtet il-kampnar tal-knisja. Fuq il-kampnar ma kienx hemm kalamita u s-sajjetta ħabtet mal-ġebel. Bil-ġebel li waqa', il-ħsara lis-saqaf tal-knisja u fl-iskola Appostolika tal-patrijiet li kienu għadhom kemm waqqfu fl-1950, kienet waħda ġmielha. Dak il-ħin fil-knisja kien hemm raġel wieħed biss, u b'xorti tajba ħadd ma korra. Kien providenzjali li l-knisja kienet għadha ma mtlietx bil-folla tas-soltu għall-qrar, u li l-abbatini, li normalment dak il-ħin kienu jibdew jixegħlu x-xemgħat ta' l-altari wara l-laqgħa tagħhom ma' Fra Sidor Micallef, dak in-nhar ma saritx minħabba l-maltemp.

Il-ħsara kienet irranġata malajr kemm jista' jkun billi ssewwa s-saqaf u twaqqa' l-biċċa ta' fuq tal-kampnar. Fuq il-post marru jaraw il-ħsara l-Gvernatur Sir Guy Grantham u Lady Grantham flimkien ma' binthom, hekk kif intemm il-ħatt tal-parti tal-kampnar li kienet perikoluża. Il-Gvernatur faħħar ħafna lil dawk li għamlu x-xogħol perikoluż tal-ħatt tal-ponta tal-kampnar u qal li kien qed jarahom mill-palazz ta' San Anton. Il-Gvernatur qal lis-Sur Mangion, Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, li kien preżenti, biex jagħti lill-patrijiet l-għajnuna kollha meħtieġa. L-għada filgħaxija, il-Ħadd, mar l-Isqof Mikiel Gonzi jara l-ħsara li kienet saret.







*1. Il-ponta tal-Kampnar tal-Knisja wara li ntlaqtet minn sajjetta.*
*2. L-għada l-Ħadd fil-għodu, 20 ta' Diċembru, irġiel mgħammrin bi ħbula u slielem ixxabbtu mal-ponta tal-kampnar biex iħottu ħafna ġebel li kien fi stat perikoluż.*
*3. Fil-knisja l-għada ma sarx quddies u matul il-ġurnata ħafna nies marru jaraw il-ħsara li għamlet is-sajjetta.*

- *19 ta' Lulju 1931:* Il-banda Duke of Connaught's Own tingħata standard bl-istemma Karmelitana.
- *Lulju 1932:* Issir għall-ewwel darba n-novena f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu.
- *2 ta' Frar 1933:* Jitwaqqfu għall-ewwel darba l-Kwaranturi (benefattriċi Maria Mangion).
- *1 ta' Lulju 1935:* Damask għall-Knisja ta' San Alfons.
- *16 ta' Mejju 1936:* Il-Knisja ta' San Alfons tiġi kkonsagrata minn Mons. Mikiel Gonzi, dak iż-żmien Isqof ta' Għawdex. Il-festa tad-Dedikazzjoni tal-Knisja tiġi ffissata għall-31 ta' Awissu.



*L-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur Sir Guy Grantham u Lady Grantham flimkien ma' binthom marru jaraw il-ħsara li għamlet is-sajjetta fil-Knisja. F'dan ir-ritratt naraw ukoll lil P. Piet Degiorgio li kien il-Pirjol dak iż-żmien, P. Anġ. Buhagiar, P. Ġwann Leone u P. Mawru Farrugia.*

Forsi dan kien bħal sinjal mis-sema tal-ħtieġa ta' knisja ġdida għal kollox biex fiha l-poplu li kien qiegħed dejjem jiżdied ikun jista' jagħti qima aktar xierqa lil Alla fil-kumdità. Fil-fatt, fiż-żmien li fih ġie milqut il-kampnar, il-Patrijiet kienu qegħdin jiġbru xi flus biex ikabbru l-Knisja. U l-idea ta' Santwarju Nazzjonali f'ġieħ il-Qaddisa tal-Ward, iċ-Ċkejkna Tereża tal-Bambin Ġesù, nibtet fil-moħħ u l-qalb tal-patrijiet li dejjem xtaqu jagħtu l-akbar qadi għall-ġid ta' l-erwieħ. L-istess knisja ta' San Alfons saret aktar magħrufa min-nies bl-isem tas-Santwarju ta' Santa Tereża f'Birkirkara.



*Il-Knisja tidher mimlija bil-ġebel li waqgħu mis-saqaf x'ħin sfronda bil-ġebel tal-kampnar li ntlaqat minn sajjetta.*

Sabiex iżidu d-devozzjoni diġà qawwija lejn din il-Qaddisa, u fl-istess ħin iħajru lill-Maltin u l-Għawdxin jgħinuhom fil-proġett kbir li kienu deħlin għalih, il-patrijiet ħasbu biex iġibu l-Urna għażiża tal-Qaddisa bix-xbieha ta' Santa Tereża fil-waqt tal-mewt tagħha. Ix-xbieha ħelwa tax-xama' saret f'Monza, b'għadd ta' relikwi mill-fdal ta' l-għadam mogħtija mis-Superjuri Ġenerali ta' l-Ordni, u wara żdiedet ukoll relikwa ta' xagħarha. Il-velu iswed ta' rasha ġie meħjut minn oħtha Ċelina, magħrufa fil-Karmelu bħala Swor Ġenoveffa tal-Wiċċ Imqaddes.

Nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 1960, fl-10 a.m., l-Urna tal-Qaddisa daħlet fil-port ta' l-Imsida fuq l-H.M.S. Forth, li wassalha Malta minn Ġenova bil-permess ġentili tal-Kap Kmandant tal-flotta Ingliża tal-Mediterran. Wara li damet esposta għall-qima tal-poplu fl-Oratorju tal-Konkatidral ta' San Ġwann sat-12 tax-xahar, sar it-trasport solenni tagħha għal Birkirkara. Mill-Belt sa Fleur de Lys wassalha korteo ta' aktar minn 700

- *12 ta' Ġunju 1940:* In-novizzjat ta' Malta għall-Ordni Karmelitan Tereżjan jiġi trasferit mill-kunvent ta' Bormla għal dak ta' B'Kara minħabba t-Tieni Gwerra Dinjija.
- *13 ta' April 1942:* Waqt ħbit ta' l-għadu, jaqgħu xi bombi fuq B'Kara fuq id-djar numri 42 u 51 fi Triq l-Imsida u jinqatlu tlieta min-nies u tmienja jisfgħu feruti. Kien maħsub ukoll li kien hemm tnejn u għoxrin persuna oħra midruba. Il-Kunvent jiġi milqut ukoll u waqgħu xi ċelel tal-Kunvent.
- *5 ta' Ġunju 1946:* Titwaqqaf il-Fergħa Rġiel ta' l-Ordni Sekulari Karmelitan Tereżjan, magħrufin bħala "Terzjarji."
- *31 ta' Ottubru 1948:* Stima ta' l-irħam *portoro* għaż-zokklatura tal-knisja minn Ignazio Bonavia ta' Fleur de Lys.
- *28 ta' Marzu 1950:* Jiġi deċiż li t-tnax-il gandlier u s-sitt appostli ta' l-altar maġġur jiġu bbanjati fil-fidda.
- *4 ta' Ottubru 1950:* Bħala l-ewwel Direttur ta' l-Iskola Appostolika Santa Tereża fil-kunvent ta' B'Kara jiġi magħżul P. Gabriel Grech ta' l-Inkarnazzjoni. Din l-iskola għat-tfal baqgħet miftuħa sal-1963.



**Preżentazzjoni tat-trabi lil Santa Tereża tal-Bambin Ġesù fil-kappella qadima tagħha.**



**Waqt funzjoni fl-ewwel festa bl-Urna fil-Knisja**

karozza mmexxi mill-Provinċjal P. Anġ Buhagiar OCD. Folla kbira ta' nies imxiet magħha tul it-triq kollha. Minn Fleur de Lys l-Għaqdiet Kattoliċi kollha ta' Malta, flimkien ma' għadd kbir ta' nies, iffurmaw pellegrinaġġ *aux flambeaux* sal-post fejn kien għad irid jinbena s-Santwarju tal-Qaddisa f'Birkirkara. L-Urna mbagħad tqiegħdet għall-qima tal-fidili fil-kappella ta' Santa Tereża l-Kbira fil-Knisja ta' San Alfons.

Kien fit-28 ta' Mejju 1961, fuq *lighter* tan-*navy* Ingliża, li l-Urna ttieħdet fil-gżira ta' Għawdex, u saħansitra waqfet fil-gżira ċkejkna ta' Kemmuna. Għawdex damet sal-15 ta' Ġunju, meqjuma tista' tgħid mill-Għawdxin kollha. Din id-darba twasslet lura Malta fuq l-M.V. Crested Eagle, fejn mill-Mellieħa bdiet pellegrinaġġ nazzjonali fil-parroċċi ta' Malta. Kulfejn marret qajmet devozzjoni kbira u ġiet milqugħa bl-akbar ferħ. L-Urna tal-Qaddisa, imbagħad, baqgħet fil-kappella tagħha sa dak in-nhar li nġarret proċessjonalment għas-Santwarju l-ġdid li nbena f'ġieħha, fl-1982.



**Ix-xbieha ewlenija ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù maħduma f'Monza, l-Italja**



**Ix-xbieha ġdida ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù maħduma f'Ruma, l-Italja.**

Il-popolarità u d-devozzjoni lejn din il-Qaddisa tal-Ward baqgħu jinxterdu dejjem iżjed. Il-messaġġ tagħha tat-Triq iċ-Ċkejkna tat-Tfulija Spiritwali sab eku fil-ħajja spiritwali ta' tant nies. Id-devozzjoni lejn il-Qaddisa kienet evidenti b'mod partikulari matul il-Festi li kienu qegħdin isiru fl-1997 biex ifakkru l-mitt sena mill-mewt tagħha. Fl-1 ta' Marzu x-xbieha għażiża ta' Santa Tereża nqerdet f'nirien li ħakmu l-Urna fil-għodu

- *Lulju 1957:* Joħroġ l-ewwel numru ta' *Il-Messaġġier Tereżjan* (1957-1975), perjodiku Karmelitan Tereżjan maħruġ mill-kunvent ta' B'Kara.

kmieni. Id-devoti Maltin u Għawdxin ta' Santa Tereża għenu bi ħġarhom lill-patrijiet biex mill-aktar fis tiġi rrestawrata l-Urna tal-bronż u ssir statwa ġdida ta' Santa Tereża. Fi żmien qasir inġabru mill-poplu Malti u Għawdxi l-flejjes kollha meħtieġa. Ix-xbieha devota ta' Santa Tereża ġiet maħduma f'Ruma, bir-relikwi ta' l-għadam tal-Qaddisa u d-drapp għal-libsa tagħha mogħtija mis-Sorijiet ta' Lisieux. Imma dettalji iktar dwar l-Urna ta' Santa Tereża nittamaw li nġibuhom fi programm ieħor. Ix-xita ta' ward li Santa Tereża xerrdet fuq Malta u Għawdex kienet u għadha tassew kbira. Sal-lum għadha fil-knisja tagħna ddedikata lilha, ixxerred il-grazzji fuq min jitlobha fil-bżonnijiet tagħhom.

Nagħlqu dan l-artiklu billi nsemmu meta fid-9 ta' Lulju 1982, filgħodu, ġiet iċċelebrata l-aħħar Quddiesa fil-knisja ta' San Alfons mill-Isqof tagħna Mons. Adeodatu Micallef OCD, Vigarju Appostoliku tal-Kuwait. Il-Quddiesa ntemmet bil-kant tat-*Te Deum*. Kien xieraq li nfaħħru lil Alla għal tant ġid li sar minn dik il-knisja. U l-istorja tkompli bil-ftuħ tas-Santwarju. Dak in-nhar fil-għaxija, wara konċelebrazzjoni, l-istatwa devota tal-Madonna tal-Karmnu ġiet trasportata mill-knisja ta' San Alfons għas-Santwarju l-ġdid. Hekk kif daħlet fis-Santwarju, tkantat l-antifona *Flos Carmeli* u wara t-*Te Deum* mill-ġdid.

Forsi għalija, dak il-jum li l-knisja l-qadima għalqet il-bibien tagħha għall-aħħar darba kien mument ta' għafsa ta' qalb. Għax wara dawk is-snin kollha li għamilna fiha minn mindu konna għadna żgħar, fejn tajna s-servizz tagħna l-ewwel bħala abbatini, imbagħad meta kbirna konna narmaw id-damask, is-sepulkru u mitt ħaġ'oħra, ma tkunx trid tinsa t-tifkiriet sbieħ. Imma kellna għaliex inkantaw it-*Te Deum*. Faħħarna u raddejna ħajr lil Alla ta' knisja li ħarġet minn knisja oħra. Wara kollox il-Knisja m'hijiex il-ġebel imma aħna lkoll li nattendu fiha u nagħmluha ħajja b'ħajjitna. U meta kibret il-Knisja li hi n-nies, kellha tikber magħha l-knisja tal-ġebel.

Li hu żgur hu li din is-sena se nerġgħu naraw il-knisja, fil-qjies li kellha oriġinarjament, tiffunzjona mill-ġdid bħala ĊENTRU ta' laqgħat reliġjużi, seminars u attivitajiet oħra. Dan wara li lest ir-restawr li sar b'għaqal f'idejn nies li jifhmu f'dan it-tip ta' xogħol. Wara li xi snin ilu kienet imsaħħa wkoll l-istruttura tas-saqaf, issa sar l-invjar tal-ħitan u ta' l-iskultura kollha ta' madwarha. Xogħol ieħor li sar kien sistema ġdida ta' dawl u suffitt biex jagħtu dehra aktar artistika lil dan il-post. B'sengħa ġew installati wkoll sistema awdjo-viżiva u ta' arja kundizzjonata li jixirqu lil ċentru ta' din ix-xorta. Il-ftuħ tas-sala, jekk Alla jrid, se jsir fit-8 ta' Settembru, nhar il-Vitorja, u għal din l-okkażjoni għandu jiġi Malta l-W.R. Superjur Ġenerali ta' l-Ordni P. Camilo Maccise O.C.D.

Dwar l-affarijiet l-oħra li kienu fil-knisja tagħna — bħalma huma gandlieri, lampieri, pitturi, ġilandra u affarijiet oħra — kulmin jattendi s-Santwarju tagħna jista' jarahom armati b'ħila kbira matul is-sena, skond il-ħtieġa ta' l-okkażjoni. Il-pitturi, imbagħad, sabu posthom fil-kunvent, bosta minnhom restawrati b'sengħa kbira.

U fl-aħħarnett nappella lill-Karkariżi u dawk li jiffrekwentaw is-Santwarju tagħna sabiex naħsbu fit-talb tagħna, jew b'xi żjara, f'dawk ħutna patrijiet li llum qegħdin jistrieħu fid-Dar tal-Kleru f'B'Kara. Wara li taw saħħithom għall-ġid spiritwali tagħna permezz tal-qrar, quddies, pariri u mitt ħaġ'oħra, ta' min issa, li ma għadhomx f'dan is-servizz, inroddulhom kull rikonoxximent. L-appell tiegħi nestendieh biex nibqgħu ngħinu b'kull mod lill-komunità tal-patrijiet li għandna llum biex, permezz ta' l-għajnuna li nagħtuhom, inkunu qegħdin nuruhom l-apprezzament tagħna, għall-glorja ta' Alla u għall-ġieħ ta' Marija, Sultana tal-Karmelu.



Sa mill-bidu tiegħu l-Kunvent ta' B'Kara kien jilqa' l-istudenti li kienu qed iħejju ruħhom biex isiru Patrijiet Tereżjani.



Il-faċċata tal-knisja armata għall-festa

*miġbur minn*
**Joe Calleja**